MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2007

Numru. 1025/2005

PULIZIJA
SPETTUR CARMELO BARTOLO
SPETTUR VICTOR AQUILINA
VS
ELAINE RAPINETT
ALBERTA AMATO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Elaine Rapinett, ta' 21 sena, bint missier mhux maghruf u Carmen nee' Rapinett, imwielda Pieta' nhar it-3 ta' Frar 1984, u residenti 104, Triq Carlo Manche, Gzira, u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 115684(M), kif ukoll Alberta Amato, ta' 20 sena, bint Albert u Doreen nee' Spiteri, imwielda Pieta' nhar it-22 t'Awissu 1985, u residenti 104, Triq Carlo Manche, Gzira, u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 434985(M), u akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-10 ta' Novembru 2005 u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi

zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(1) nhar l-10 ta' Novembru 2005, f'xi hin bejn il-hamsa u nofs ta' filghaxija, u is-sitta neqsin kwart ta' filghaxija, f'Hal Lija, ikkommettew serq ta' diversi oggetti u cioe' pakketti tas-sigaretti, liema serq li huwa kkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf Lira Maltin (Lm1000), sar ghad-detriment ta' Anthony Brincat minn H'Attard u/jew persuni ohra;

(2) u aktar talli nhar it-28 t'Ottubru 2005, f'xi hin bejn il-hamsa u kwart ta' filghaxija u l-hamsa u nofs ta' filghaxija f'Haz Zabbar, ikkommettew serq ta' oggetti u cioe' diversi batteriji u ktieb, liema serq sar ghad-detriment ta' Joseph Camilleri minn Haz Zabbar u/jew persuni ohra.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, ikkommettew reati fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza b'ordni ta' supervizjoni, moghtija mill-Qrati ta' Malta nhar it-23 ta' Settembru 2005, meta gew misjuba hatja ta' reati u gew ikkundannati ghal sentenza ta' habs sospiza ghal tlett snin b'ordni ta' supervizjoni, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

U fl-ahhar nett, talli rrendew ruhhom recidivi ai termini tal-Artikli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gew ikkundannati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 16) u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati (a fol 13).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli lill-imputati sabiex jirripensaw ruhhom.

Rat il-'pre-sentencing reports', dokument M a fol 51 et seq, u dokument X a fol 78 et seq.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom, din il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuzi migjuba kontra taghhom, u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 279 u 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputati **Elaine Rapinett u Alberta Amato ghal erbatax-il xahar prigunerija** ghar-reati kommessi fit-28 t'Ottubru 2005 u fl-10 ta' Novembru 2005. In oltre, il-Qorti tikkundanna lil **Elaine Rapinett ghal sena prigunerija**, ghal ksur ta' sentenza ta' prigunerija sospiza, moghtija lilha fil-25 ta' Settembru 2005, u dan ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Di piu', il-Qorti qed tillibera lill-imputata Alberta Amato mit-tielet akkuza, stante illi s-sentenza ta' prigunerija sospiza mghoddija fil-konfront taghha ggib id-data tal-5 ta' Settembru 2005, u mhux id-data tat-23 ta' Settembru 2005, kif tidher fl-akkuza (ara fedina penali ta' Alberta Amato a fol 95).

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti speci tal-kaz, u b'mod specjali ghall-'pre-sentencing reports' esebiti mill-Probation Officer Marianne Zammit, dokument M a fol 51 u dokument X a fol 78 esebit mill-Probation Officer Carmen Borg, liema Probation Officers irrakkomandaw, in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, illi l-imputati ghandhom jinghataw piena karcerarja.

Di piu, din il-Qorti rat illi z-zewg imputati ghandhom eta' pjuttost giovannili, inghataw ammont sostanzjali ta' opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex jirriformaw ruhhom, izda dak kien ezercizzju mill-aktar futili. Dan qed jinghad ghaliex l-imputati kienu appena ghadhom kemm ircevew sentenza sospiza fil-5 ta' Settembru 2005 u fit-23 ta' Settembru 2005, u gew akkuzati b'dawn il-proceduri,

biss fl-14 ta’ Novembru 2005, bit-trapass ta’ circa hamsin (50) gurnata. Illi ghaldaqstant, minkejja dak li trattaw l-abbli Avukati Difensuri, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-imputati filfatt ma jishoqqilhomx addirittura li jinghataw xi opportunita’ ulterjuri sabiex jirriformaw ruhhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------